

## Paġna tat-Tielet Età

# Toni tal-Kirċ

*Tagħrif miġbur minn* **ĠUŻEPPA CEFAI** *mingħand* ***TONI PORTELLI (Tal-Kirċ)***

### *Toni tista' tgħidilna x'tiftakar fi tfulitek?*

Jien niftakar li fi tfuliti kont immur l-iskola bħat-tfal l-oħra. Dak iż-żmien ma konniex bl-uniformi imma jien niftakar li kont immur bil-ġlekk. Imbagħad meta kbirt kont ngħin lil missieri fir-raba'. Kien ikollna l-qamħ iż-Żewwieqa fejn illum imorru jgħumu l-Blata l-Bajda u ntellgħuh fuq spallejna sa fuq, fejn tal-Bandu, illum il-Belveder tal-Qala. Konna nagħmlu qiegħa fl-għalqa, inxarrbuha bl-ilma u b'romblu żgħir inwittuha u nagħmluha iebsa. Imbagħad inġorru l-qamħ fuqha, inqattgħuh minn nofs u bil-ħmara noħorġu f'nofs in-nhar indawru l-ħmara fuqu. Il-ħmara konna ngħattulha għajnejha u nibdew induru fuq dan il-qamħ sakemm jitkisser kollu. Meta jitkisser u jsir tiben nistennew li jiġi r-riħ biex inderruh bil-midra. Wara nagħżlu t-tiben u niġbru l-qamħ. Konna ndumu sejrin hekk is-sajf kollu u fl-aħħar ngħarbluh biex it-trab imur għalih u l-qamħ għalih, mhux bħal lum kollox bil-magni u b'idejk ma tmiss xejn u f'ħin ta' siegħa teħles.

### *Il-familja tiegħek kienu nies miġbudin ħafna lejn il-knisja u anke kienu jgħinu lill-knisja. Tgħidilna x'kontribut taw ħutek lill-knisja?*

Jien niftakar lil ħuti l-bniet dejjem iħitu u jaħslu l-ħwejjeġ ta l-altari tal-knisja. Mariros dejjem tgħaddi u dak in-nhar il-ħadida tal-mogħdija ma kinitx ta' l-elettriku bħal-lum. Kien ikollha żewġ ħadidiet fuq l-ispiritiera, waħda tisħon u l-oħra tgħaddi. Anġla kienet taħsel it-triehi ta' l-altari, u x'ħin kienet tonxorhom kienet toqgħod fejnhom biex ma jmisshomx id-dubbien.

### *Aħna nafuk bħala bennej. Kif wasalt biex tkomplu tkabbar il-knisja tal-Qala? Barra l-knisja tal-Qala ħdimt f'xi knejjes oħra? Tgħidilna xi knejjes kienu?*

Mela dak in-nhar kienet il-gwerra u l-Kappillan Dun Ġużepp Vella u Dun Karlu, it-tnejn Alla jaħfrilhom, qaluli biex nibda l-bini fil-knisja. Mela bdejna bla permess, u kien jiġi tal-kotba jfittex. Konna nħallsu sold fil-ġimgħa, 5*mils* tal-lum. L-ewwel waqqajna s-salib imbagħad is-saqaf tal-kor. Kien hemm ċertu Vitor imexxini ftit, għax jien ma kontx naf. Kont għadni nibda. L-ewwel għamilna s-saqaf tal-kor u wara komplejna s-saqaf tal-korsija u għamilna s-salib tal-punent. Waqafna għal xi żmien għax ridna naqilgħu l-ġenb l-ieħor. Domna bejn sentejn u tlett snin biex ħlisna.

Wara mort l-Għasri għax kienu ġew xi qassisin jitħadtu ma' Dun Anġ Camilleri fuq il-knisja ta' l-Għasri u jien għidtilhom nixtieq xi darba nibni koppla u ħatfuni fil-fatt. Kelli ngħid lill-ħaddiema li kelli biex jiġu miegħi. Min ħa pjaċir u min le.

Il-Ħadd ġieli ħdimna, imma mhux nibnu. Min kien jgħarbel u min kien iġorr xi ilma. Għax Dun Karlu kien dejjem idur ifittex min jaħdem bla ħlas il-Ħdud. Wara ta' l-Għasri waqqajna d-dar tal-Kappillan biex nagħmlu s-salib ta' dik in-naħa, imma l-ewwel bnejna d-dar tal-Kappillan il-ġdida, dik li hemm illum, biex ikollu fejn joqgħod. Dak kien fl-1951 u kienet mietet ommi. Jien kont ksirt idi wkoll. Ma kontx kapaċi nibni. Anġlu ta' Bertu kompla floki u Toni ta' Manweli kien jagħmel il-lavur. It-tnejn kienu kapaċi ħafna. Dak in-nhar kien hemm ħafna xogħol tal-ġebel.

Meta konna nibnu s-sagristija kienet għadha l-gwerra u ridna xi travi, imma ma kontx naf mnejn ser inġibhom. Smajna li l-Kalkara kien hemm travi għax kienet waqgħet il-knisja ta' San Ġużepp fil-gwerrra. Dun Karlu mar fejn il-Kappillan ta' hemm u ftehmu li nġibu minnhom. Qalulna li t-travi kienu twal xi għoxrin pied. Morna darba l-Ħadd fuq il-luzzu ta Ħariru. Ħadna fus ta' karru b'żewġ roti, u minn Malta ddobbajna bihom. It-travi kienu twal xi 30 pied u min dritt u min mgħawweġ. L-ewwel għażilna d-dritti mbagħad kellna nġibu l-imgħawġin ukoll. L-imgħawġin kienu sew fuq il-karru għax kienu





Il-koppla tal-Knisja ta' l-Għasri



Toni Portelli ma' uħud min ħutu
Ta' min jinnota li oħt Toni, Consolata ħadmet ħafna biex tgħallem it-tfal id-duttrina. Kienet Presidenta ta' l-Azzjoni Kattolika ġewwa l-Qala għal bosta snin.

bħal brejk għall-karru. Niżżilnihom ix-xatt tal-Kalkara u għabbejnihom. Ġibna 9 bl-Lm10 il-wieħed, u għalhekk b'kollox ġew Lm 90. Ġibnihom bid-dgħajsa tal-pass tas-Sipa u tellagħhom mix-xatt bit-trakk tiegħu. Imbagħad meta waslu kulħadd beda jistaqsi kif se niddrittawhom. Min issuġġerixxa biex neħduhom it-tarzna u min qal biex nitfgħu ġebel tal-qawwi fuqhom. Jien ġieni f'moħħi li niddrittawhom bihom stess. Għamilna żewġ travi mimduda ma' xulxin u poġġejna wieħed mgħawweġ fuqhom u wieħed dritt fuq. Konna nissikkawh u kienet tmurlu dik it-tgħawwiġa bl-għafsa. It-travi t-twal qtajnilhom iż-żejjed tagħhom u qgħednihom fuq il-bejt. Imbagħad ridna 9 oħra għal fuq u kellna nerġgħu mmorru fejn il-Kappillan tal-Kalkara. Għidtlu li rridu 9 oħra. Staqsieni l-oħrajn x'għamilna bihom. Jien m'għedtlux li ddrittajnihom għax forsi kien jibdielu. Erġajna morna l-Ħadd. Niżżilna 9 oħra u tas-Sipa reġa' ġabhom bid-dgħajsa tiegħu u tellgħahom bit-trakk tiegħu. Imbagħad għamilna lit-travi l-istess bħal qabel. Meta lestejna s-sagristija dorna għas-saqaf tal-korsija. Dan kien ħafna fastidjuż, l-aktar it-twieqi għax kien fihom ħafna xogħol.

### X'sodisfazzjon tak dan ix-xogħol?

Dak kien l-aħjar xogħol li għamilt f'ħajti u li hu l-aktar għal qalbi. Meta x-xogħol ma jittantakx u tkun għal qalbek idoqq nofs in-nhar u lanqas tinduna. Konna naħdmu mis-7.00am, ġurnata sħiħa bla ħin sa x'ħin ngħajjew. Darba ġie raġel bil-ġlekk u mar fejn Ġanni tal-Kokklu. Staqsieh fejn hu l-imgħallem u qallu dak hu, għalija. Jien kont nagħġen it-tajn u hu ma emmnux lil Ġanni. Ġie fuqi u staqsieni hux jien l-imgħallem u għidtlu iva. Dak ħasab li ser isib xi mgħallem bil-ġlekk u l-ingravata bħalu.

## Azzjoni Kattolika - Ommijiet Żgħażagħ

Ta' kull nhar ta' Tlieta niltaqgħu grupp żgħir ta' ommijiet għal laqgħa ta' l-Azzjoni Kattolika - Fergħa Ommijiet Żgħażagħ. Niltaqgħu flimkien ma' Mons. Ġużepp Buttigieg. Dawn il-laqgħat isiru minn Ottubru sa Mejju mid-8.45am sa 9.45am. Fil-laqgħa jinqara l-qari u l-vanġelu tal-Ħadd u s-saċerdot jagħti l-ispjegazzjoni. Niddiskutu wkoll xi diffikultajiet tal-membri. Wara jinqraw il-minuti tal-laqgħa ta' qabel. Il-laqgħa tispiċċa bit-talb. Kull xahar il-laqgħa ssir barra r-raħal jiġifieri fir-raħal tax-Xewkija fejn hemm niltaqgħu ma' ommijiet oħra bħalna. Ikollna okkażjonijiet oħra matul is-sena li niltaqgħu ma' gruppi minn Għawdex kollu. Dan isir fiċ-Ċentru Azzjoni Kattolika r-Rabat. Anke għamilna ġabra minn Għawdex kollu għat-tfal ta' Lourdes Home Għajnsielem. Drabi oħra attendejna f'Dar Manresa fejn hemm issir quddiesa, wara nieqfu nieħdu ftit kafè. Imbagħad wara ssir laqgħa li żgur tolqot lil kull membru preżenti.

Minn dawn il-laqgħat joħroġ ħafna ġid għax jgħinuna nirriflettu fuq il-ħajja tagħna bħala ommijiet ta' familji Nsara. Dawn il-laqgħat iservuna biex ngħixu ħajja qrib t'Alla u nifhmu aktar il-quddiesa tal-Ħadd. Bħala omm irrid inżomm ruħi aġġornata fit-tagħlim nisrani. Għax biex ngħallem lil uliedi l-ewwel irrid nitgħallem jien. Kif nista' nagħti minn dak li m'għandix?

*Agatha Vella u Terezina Xerri*